# L-AĊĊENN FUQ IL-KWALITÀ



**EDWARD SCICLUNA** / Ministru għall-Finanzi



Il-Ministru għall-Finanzi, Prof. Edward Scicluna waqt laqgħa ta' Konsultazzjoni Pubblika bi tħejjija għall-Baġit 2019 *[Ritratt: PIERRE SAMMUT (DOI)]*

*It-tema li ġiet magħżula għad-dokument li jiġi preparat qabel il-Baġit hija "Fostering a Quality Culture." Għaliex intagħżel dan is-slogan u x'messaġġ irid iwassal il-Gvern?*

Il-Gvern dejjem ifittex l-aħjar biex ikun fuq ta' quddiem. Fil-ħajja ta' kull familja, meta tkun bdiet mix-xejn u tibda tiżviluppa, l-ewwel essenzjal jaqa' fuq l-ikel. Meta tista' taffordja l-ikel, imbagħad tibda taħseb għal affarijet oħrajn u tasal f'fażijiet ġodda. Fażi li tgħaddi minnha kull familja, kif ukoll pajjiż sħiħ.

Fażi ġdida fejn wara li nkunu ssodisfajna l-bżonnijiet essenzjali, nibdew nagħtu prijorità u nagħtu kas dawk l-affarijiet li huma l-iżjed importanti fil-ħajja. L-ewwel tiġi s-saħħa, fejn tfittex l-aħjar servizz biex wieħed ma jkunx fi tbatija u jgħix ħajja twila. Wieħed jibda jaħseb ukoll fl-edukazzjoni għal uliedu u fl-investimenti tal-futur, imbagħad tibda tħares lejn l-ambjent ta' madwarek. Huwa għalhekk li aħna bħala pajjiż qegħdin nitkellmu fuq investimenti ġodda, l-ambjent, l-infrastruttura u t-toroq. Wasalna f'fażi ta' livell għoli ekonomikament fejn l-affarijiet essenzjali qed noħduhom *for granted*. L-aċċenn fuq il-kwalità huwa xhieda ta' sinjali li juru li l-pajjiż wasal fi stat ta' żvilupp avvanzat.

Il-kwalità tissarraf ukoll għal ċertu setturi ekonomiċi. Hekk fit-turiżmu inti tibda timmira fuq il-kwalità iżjed mill-kwantità. Li kull persuna tħalli iżjed flus fil-pajjiż biex din mbagħad tissarraf f'servizzi ta' kwalità ogħla u aħjar. Din tapplika wkoll għall-ħaddiema tagħna, li jkunu aktar imħarrġa u aktar kapaċi jagħmlu xogħolhom. Dan isir biex il-kwalità tax-xogħol tkun tistà tirrendi iżjed fl-ekonomija ta' pajjiżna. Il-kelma kwalità mhux qiegħda hemm inċidentalment. Għandna bżonn nipproduċu biżżejjed biex inlaħħqu mal-livell tal-ekonomija. L-affarijiet iridu jsiru b'mod ta' ħsieb u wieħed irid jimxi b'sistema ta' *targets*. Fuq kollox nibqgħu naraw il-ġid jitqassam fuq kulħadd.

Nieħdu l-faqar. Meta ġejna eletti fil-Gvern sibna li għoxrin fil-mija tal-familji Maltin kienu *materially deprived* fejn fost għaxar indikaturi li familja bażika għandu jkollha, kellhom tliet nuqqasijiet jew iżjed. Dan il-persentaġġ waqqajnieh ferm u rnexxielna nniżluh għal tmienja fil-mija skont l-aħħar statistika. Ma jfissirx li eliminajna l-faqar, iżda d-differenza hija ċara u ta' ammont sostanzjali filwaqgħa tal-faqar f'pajjiżna. Aħna qegħdin naħdmu biex Baġit wara ieħor din il-figura tkompli tonqos.

*It-titjib fil-ħajja tal-pensjonanti, baqa' prijorità ta' dan il-Gvern?*

Huwa fatt li l-pensjonanti huma fost l-aktar settur vulnerabbli fis-soċjetà. Wara li s-saħħa tibda tnaqqas, l-akbar xokk jittieħed meta s-salarju jieqaf ħesrem.

Tajba kemm hi tajba l-pensjoni mogħtija, xorta ma twassalx daqskemm kien iwassal is-salarju u d-dħul ta' qabel. B'hekk, dak li jkun jibda jirrikjedi iżjed għajnuna.

Fil-pajjiż kellna problema fejn il-minimu tal-pensjoni tant kien baxx li lill-pensjonanti bdew jaqgħu fi stat ta' faqar.

L-ewwel ħaġa li għamilna meta indirizzajna dan is-settur hija li għażilna li naħsbu fiż-żgħir b' pensjoni minima. B'hekk qegħdin inserrħu moħħna li kull min qed jirċievi l-pensjoni minima jista' jgħix ħajja diċenti. Biex inkomplu ntejbu l-kwalità tal-ħajja tal-anzjani tagħna, ħaġa oħra li għamilna hija li neħħejna t-taxxa minn fuq il-pensjoni.

F'Malta għandna 90,000 pensjonant u aħna għażilna li nagħtu €2 fil-ġimgħa lil kull wieħed u waħda minnhom. Tajna wkoll xi ħaġa żgħira, imma li ntlaqgħet tajba, lil dawk li fil-passat ħadmu ftit snin minħabba xi ċirkostanzi li ma ppermettewx li jibqgħu jaħdmu u b'hekk tilfu d-dritt għall-pensjoni. Fost dawn, hemm 11,000 li huma nisa. Illum neħduha *for granted* li l-mara toħroġ taħdem, iżda fil-passat is-sistema kienet differenti.

Dan ifisser li kien hemm bosta li maż-żwieġ tagħhom kellhom jirriżenjaw mill-pożizzjoni tagħhom u baqgħu bla pensjoni. Huwa għalhekk li aħna għamilnieha biċ-ċert li dawn jingħataw somma li tvarja minn €150 u €250. Qegħdin naraw kif nistgħu nkomplu naġevolaw din l-iskema.

Dan il-Gvern dejjem iżomm iż-żgħir f'moħħu u jisma' dak li għandu xi jgħid il-poplu biex f'Baġit ieħor nindirizzaw il-proposta bil-prijorità li tkun tixirqilha.

*Bħala konklużjoni, kif tiddeskrivi li se jkun il-Baġit li jmiss?*

Il-Baġit huwa eżerċizzju interessanti li jġiegħlek terġa' lura u tħares lejn l-ekonomija u tanalizza xi rnexxielna nagħmlu u fejn nixtiequ naslu.

Dan huwa eżerċizzju ta' darba fis-sena u għalhekk jingħata daqshekk importanza għaliex jagħtina ċ-ċans naraw jekk ksibniex dak li wegħedna u naraw xi prospetti għandu l-pajjiż għal quddiem.

Huwa dmir tal-Gvern li jinżamm il-bilanċ meħtieġ. L-ekonomija rnexxielna nżommuha b'inflazzjoni baxxa u b'hekk dan ippermetta li l-ekonomija tkompli tikber u żżomm il-kompetitività tagħha. Irridu ngħożżu u nieħdu ħsieb dak li għandna.

Dak li għad irid isir għandu jsir kollu bil-ħsieb u bil-galbu.

## Appell lill-katekisti

Sur Editur

Bl-għajnuna ta' Alla rġajna se nibdew sena oħra kateketika għat-tfal u l-adoloxxenti li jiġu taħt il-kura tagħna. Għandna f'idejna missjoni nobbli u prezzjuża. Missjoni li għaliha ġie Ġesù fid-dinja. It-tagħlim tal-Kelma ta' Alla. L-aqwa opra tal-ħniena. Kif kien jgħid San Ġorġ Preca, "Għallem lil min ma jafx." Niftakru f'min ta formazzjoni reliġjuża lil Madre Tereża, u naraw x'għamlet f'ħajjitha. L-appell tiegħi huwa dan. Veru li jkollna l-programm biex nimxu fuqu fil-katekeżi, iżda hu ferm importanti li niddedikaw ftit ħin biex lil dawn l-għeżież tagħna ngħaddulhom u nispjegawlhom, b'mod ħafif u sempliċi, b'fatti prattiċi u li japplikaw għal ħajjithom, l-Evanġelju tal-Ħadd li jkun imiss.

Dan qiegħed ngħidu, għax jista' jagħti l-każ li xi ħadd minn dawn l-għeżież tagħna (meta jattendu għall-quddiesa tal-Ħadd) jista' jkun li jkun hemm saċerdot li ma jasalx jagħtihom messaġġ utli għal ħajjithom, fl-omelija tiegħu. Allura jaslu jabborru l-quddiesa, u mhux ħaġa kbira li ma jkorrux aktar jieħdu sehem fl-Ewkaristija li hi s-sinsla għal ħajjithom u għall-ħajja ta' kulħadd.

Ejjew insostnu dejjem aktar ruħna għal din il-missjoni prezzjuża u qaddisa, b'ħajja intima mal-Ewkaristija, u l-Madonna, u nitolbuha tkun hi l-għalliema tagħna, u nitolbu lill-Ispirtu s-Santu biex jagħtina l-vera għerf qaddis biex lil dawn l-għeżież tagħna ngħinuhom jgħixu dejjem il-valuri li tana Alla l-Imbierek, u jkollhom dejjem il-veru ferħ u paċi fil-qalb tagħhom.

Dan ikun ta' faraġ ferm kbir għalina, issa u fuq is-sodda tal-mewt tagħna.

CARMEL CARUANA,
San Ġwann